# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 69 (Laqgħa b'urġenza)

**It-Tnejn 7 ta' Awwissu, 2017**

Il-Kunsill Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Sannat, Ta' Sannat, fil-11.00 ta' filgħodu.

**PREŻENTI:**

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Joseph Bajada – Kunsillier
Maria Cassar Sultana – Kunsilliera
Margaret Said – Kunsilliera

Marie Georgette Spiteri – Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

# AĠENDA NRU. 69 (Laqgħa b'urġenza)

69.1 Recycling Drainage Plant (limiti Tas-Sanap)

## Minuti

Is-Sindku Philip Vella ippresjeda l-laqgħa.

## 69.1 Recycling Drainage Plant (fil-limiti Tas-Sanap)

69.1.1 Il-Laqgħa bdiet fil-11.13 a.m., wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

Is-Sindku qal li din il-laqgħa ssejħet b'urgenża peress li qed jingħad li ser issir Recycling Drainage Plant fil-post magħruf Ta' Sanap fi Triq Żgħawri fil-konfini tal-Kunsill Lokali Il-Munxar li jmiss mall-periferiji Ta' Sannat. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li għal din il-laqgħa (b'urġenza) għandu jattendi wkoll l-Avukat tal-Kunsill Dr. Larry Formosa.

Is-Sindku qal li fil-passat fejn il-Kunsillier Bajada qal li jiftakkar dan il-proġett kien propost li jsir bejn il-konfini Ta' Sannat u dak tax-Xewkija. Is-Sindku qal li għalkemm dan il-proġett mhux ser isir fil-konfini Ta' Sannat hu diġa tkellem mall-Perit Edward Scerri fejn intalab jara jekk hemmx xi applikazzjoni mall-Awtorita' tal-Ippjanar dwar dan. Il-Perit qallu li ma jidhirx li hemm applikazzjoni dwar dan.

Is-Sindku qal li tkellem mal-Avukat tal-Kunsill u anke mas-Sindku tal-Kunsill Lokali Il-Munxar fejn qal li s-Sindku tal-Munxar qaltlu li l-Kunsill ma jaf xejn dwar dan iżda qaltlu li xi ħmistax ilu ġiet avviċinata minn xi residenti fejn infurmawha b'dan.

Is-Sindku qal li minn naħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat diġa ttieħdet l-azzjoni meħtieġa f'dan il-waqt fejn il-Kunsill rrapporta lid-Direttorat tal-Infurzar fi ħdan l-Awtorita' tal-Ippjanar u li kien għalhekk li dan il-Kunsill sejjaħ din il-laqgħa b'urġenza biex jara jekk il-Kunsill hux favur jew kontra dan il-proġett. Il-Kunsill qabel li għalkemm dan il-proġett huwa ferm bżonnjuż ġewwa Għawdex mhux favur li dan il-proġett isir f'dan is-sit peress li din l-art hija art verġni li ser tiġi meqruda darba għal dejjem u ser jaffetwa negattivament lir-residenti tal-lokal. Is-Sindku qed jissuġġerixxi li dan jekk isir jista jsir f'area li diġa hija sewage point fejn hu rrefira għas-sit Tal-Fessej, fejn diġa jinsab impjant tad-drenaġġ. Il-Kunsill qabel ma dan.

Fil-11.21 a.m., l-Avukat tal-Kunsill daħal fil-kamra tal-laqgħat fejn ta' l-ispjegazzjoni ta dak li prepara li jrid jsir.

Wara li l-Avukat ta l-pariri legali tiegħu u nqrat l-ittra (draft) li prepara hu stess sar qbil mill-Kunsill li tintbgħat din l-ittra uffiċjali mill-Avukat tal-Kunsill lil:
Ministeru għal Għawdex,
Ministeru għat-Transport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali,
Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima,
Segretarjat Parlamentari għall-Ippjanar u s-Suq tal-Propjeta,
L-Awtorita' tal-Ippjanar,
Segretarjat Parlamentari għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali,
Ministeru għall-Enerġija u l-Immaniġjar tal-Ilma,
Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma,

u kkupjata lil:

Kunsill Lokali Il-Munxar
Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali u Komunitajiet u lir-Reġjun Għawdex.

Din l-laqgħa spiċċat fil-11.35 a.m.

Konfermati, illum it-Tnejn 21 ta' Awwissu 2017

| | |
|---|---|
| **(iffirmata)** | **(iffirmata)** |
| Philip Vella<br>Sindku | Jason Curmi<br>Segretarju Eżekuttiv |